Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D LL.M. (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.

Digriet Kamerali tal-23 ta' Jannar, 2020

Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 03/2020 BS

Peter Paul Farrugia (KI 184049G)
U martu Marcelle Farrugia ( KI 54254G)

Vs

Anthony sive Antoine Grech (KI 60950G)

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Fis-17 ta' Jannar 2020 Peter Paul Farrugia u martu Marcelle Farrugia (minn issa 'l quddiem imsejħa "ir-rikorrenti"), ippreżentaw rikors li permezz tiegħu talbu l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Anthony sive Antoine Grech (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-intimat");

Fl-istess ġurnata, ingħata digriet li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet ir-rikors proviżorjament u tat lill-intimat erbat ijiem żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tat-22ta' Jannar, 2020 ;

Fil-21 ta' Jannar, 2020 l- intimat intavola r-risposta tiegħu.

Ir-rikors ġie trattat fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2020 u tħalla għal digriet kamerali.

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

**IT-TALBA**.
Ir-rikorrenti qed jitlobu lill-Qorti tordna l-Ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimat jinżamm milli :

> *"personalment jew permezz tà haddiema mqabbda minnu iqattà jew jiskava blat fis-sit tieghu f'distanza inqas minn dik preskritta mill-Artikoli 439 u 440 tal-*

*Kodici Civili, liema sit jigi attigwu ghad-dar tà residenza tar-rikorrenti fi Triq Wied Bingemma, Nadur, u liema sit irrizulta wara li l-intimat iddemolixxa l-bini li jigi kantuniera bejn Triq Wied Bingemma u Triq Ir-Ramla, Nadur u jibni miflok blokka tà sitt appartamenti, penthouse u garages. L-intimat jigi inibit ukoll milli jqabbad il-bini tieghu mal-hajt divizorju tad-dar tar-rikorrenti wara li l-intimat qalà qoxra mill-hxuna tal-istess hajt divizorju li kien hemm u l-hajt li fadal ma jiflahx il-piz tal-bini li l-intimat irid li jtellà u jqabbad mieghu minghajr ma jaghmel dawk ix-xogholijiet mehtiega sabiex isahhah l-istess hajt biex jerfâ l-piz li l-intimat irid jghabbi fuqu. Dan kollu bi pregudizzju serju u gravi tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti qeghdin jesebixxu certifikat tal-AIC Edward Scerri dwar il-kundizzjoni tal-hajt divizorju markat 'A' in sostenn tal-pretensjonijiet taghhom.*

*Stante l-urgenza tal-kaz l-esponenti jitolbu lil din il-Qorti joghgobha tordna li l-intimat jieqaf milli jaghmel mill-hwejjeg hawn fuq imsemija sakemm jigi trattat u degretat finalment dan ir-rikors."*

**IR- RISPOSTA TA' L-INTIMAT**

Skont l-intimat it-talba tar-rikorrentI għandha tiġi miċħuda stante :

*"Illi l-mandat t'inibizzjoni de quo huwa prematur ghall-ahhar u huwa intiz biss sabiex johloq polemika fuq affarijiet illi ma kien hemm assolutament l-ebda polemika dwarhom;*

*Illi l-ewwel u qabel kollox, l-esponenti jiddikjara illi huwa la m'hu ser ikun qed jisvaka minghajr ma tinzamm id-distanza ta' 76 cm kontemplata mil-ligi, u anqas m'hu ser ikun qed jappoggja mal-hitan proprjeta tar-rikorrenti fis-sens illi huwa ser ikun qed itella' qoxra ghalih in kwantu dan jikkoncerna l-proprjeta tar-rikorrenti. <u>Fic-cirkostanzi jsegwi illi m'hemmx htiega ghall-mandat odjern, liema mandat ghandu ghalhekk jigi revokat</u>;*

*Illi mbaghad u ghall-finijiet ta' spejjez ghandu jigi ccarat dan li gej:-*

*a) Illi l-esponenti qed jizviluppa sit illi huwa adjacenti ghal sit proprjeta tar-rikorrenti;*

*b) Illi l-esponenti talab permess lir-rikorrenti sabiex hu jkun jista' jiskava u jhammel is-sit tieghu minghajr ma tinzamm id-distanza ta' 76cm kontemplata fil-ligi - prassi mhaddna u accettata minn bosta llum il-gurnata. Ir-rikorrenti rrifjuta u l-esponenti accetta dik id-decizjoni minghajr kontestazzjoni jew riserva kwalsiasi. Zgur ma jistax jinghad illi kien hemm htiega ta' mandat t'inibizzjoni biex ma jsirx tali skavar stante illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni jew theddid da parti tal-esponenti, tant illi (kif jidher mir-ritratti annessi mal-mandat innifsu) l-esponenti anqas biss ma kellu makkinarju ta' skavar prezenti fis-sit fiz-zmien meta sar il-mandat!*

c) *Illi in kwantu ghall-uzu ta' hitan u mhux ghandu jinghad illi l-esponenti ghandu ma bdiex jibni s-sit tieghu u li ghalhekk ma kienx hemm xi urgenza partikolari biex huwa jigi inibit milli jezercita l-appogg. L-esponenti kien informa lir-rikorrenti li huwa kien ser jappoggja meta jigi biex jibni u kwalunkwe incertezza jew riserva li seta' kien hemm f'dan ir-rigward da parti tar-rikorrenti setghet tigi diskussa u transatta bonarjament li kieku r-rikorrenti kellu d-dicenza juri r-rapport datat il-15 ta' Jannar 2020 redatt mill-AIC Edward Scerri lill-esponenti, minflok ma' qabad u proceda b'mandat t'inibizzjoni. Ovvjament pero dan ir-rapport qatt ma gie f'idejn l-esponenti qabel ma sar il-mandat odjern;*

d) *Illi dan kollu jrid jittiehed fil-kuntest tal-gurisprudenza taghna illi tghallem illi mandat t'inibizzjoni huwa rimedju straordinarju;*

e) *Illi fic-cirkostanzi hija l-umli fehma tal-esponenti illi l-ispejjez kollha konnessi ma' dan il-mandat ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti gialadarba l-mandat odjern la ma kien necessarju u anqas ma kien gustifikat;"*

RIZULTANZI.

Mit-trattazzjoni rrizulta illi dak illi r-rikorrenti jridu illi l-intimat jinzamm milli jwettaq permezz tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni effettivament ma hux ser jitwettaq mill-intimat. Di fatti dan ta' l-ahhar, seduta stante u bil-gurament iddikjara illi huwa la kien ser iqatta' jew jiskava f'distanza anqas minn dik permessa mil-ligi u lanqas ma kien ser iqabbad il-binja illi be hsiebu jibni mad-dar tar-rikorrenti.

Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni ghalhekk il-Qorti tqis illi ma ghadx hemm aktar il-htiega illi jigi ndagat il-mertu ta' dan il-mandat u jibqa' biss il-fattur ta' l–ispejjez illi irid jigi deciz minn din il-Qorti.

Rigward il-kap ta' l-ispejjez il-partijiet gabu diversi argumenti li skond huma jiggustifikaw ghaliex l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-parti opposta. Ir-rikorrent xehed illi huwa ntavola r-rikors ghax beza' illi l-proprjeta' tieghu kienet ser iggarrab hsara. Ir-rikorrent accetta izda illi l-ewwel kien accetta illi jitqatta' il-blat kif indikat mill-intimat izda mbghad ftit wara rega' bdielu. Infatti qal illi qabbad perit tieghu u dan infurmah illiid-dar tieghu ma kenitx tiflah ghall-piz tal-binja ta' l-intimat. Afferma illi hassu taht pressjoni mill-intimat u ma riedx jiehu riskju. Qal illi l-perit tieghu pprova kemm-il darba jkellem lill-perit ta' l-intimat sabiex jirrisolvu l-problema izda kien ghalxejn.

Minn naha tieghu l-intimat xehed illi qatt ma kienet l-intenzjoni tieghu illi jinqala' inkwiet. Huwa jrid imexxiil-progett u ma riedx inkwiet mall-girien. Qal illi malli r-rikorrent infurmah illi kien biddel fehmtu huwa accetta. Infatti ntrabat illi josserva d-distanza dettata mil-ligi u ma hux ser iqabbad il-binja tieghu mad-dar tar-rikorrent.

**PROVVEDIMENT.**

Ghaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl ta' dak kollu espost, filwaqt illi tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tas-17 ta' Jannar, 2020, fejn laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni provizorjament, tordna illi l-ispejjez ghandhom jinqasmu kif gej:

1) Terz jithallsu mir-rikorrenti; u
2) Zewg terzi jithallsu mill-intimat.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur